MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1082/2004

**MCL Components Limited**

**vs**

**Cole Foods Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 Mejju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm494.50) (Dokument A) rappresentanti l-prezz ta' plastic buckets mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta attrici fuq ordni tas-socjeta konvenuta (Dokumenti B u C annessi ma'l-avviz).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm494.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------